# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 13 ta' Marzu, 2024

Avviz tat-Talba numru: 337/2022 CL

It-Tribunal;

**NYG Ltd (C100876)**

**VERSUS**

**Dhanish Gokool Jalim (KI nru 315796A)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-2 ta' Dicembru, 2022 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat elef u hames mitt euro (€4,500) flimkien mal-ispejjez u imghax, rapprezentanti rifuzjoni tal-ispejjez in kwantu tahrig mwettaq matul l-impjieg tieghu ai termini tal-kuntratt t'impjieg mas-socjeta attrici (Dok A),stante li ittermina l-impjieg tieghu qabel il-perjodu ta' tlett snin. Illi dan l-ammont huwa dovut a bazi tal-klawsola segwenti:

*In addition, if the employee terminates this agreement after 1 month, but before the period of three years from the date of commencement the Employee shall re imburse the Employer the amount of €4,500 representing the expenses for training that was carried out by the Employer during the period of Employment.*

Ra r-risposta li gietipprezentata fil-11 ta' Jannar 2023, fejn preliminarjament it-talba tar-rikorrenti hija monka stante li l-konvenut ma giex nnotifikat bit-traduzzjoni tal-avviz promotur. Illi fil-mertu ir-rikorrenti ghandha tissostanzja l-pretenzjoni taghha b'dan illi ghandha ggib il-prova tat-tahrig li allegatament inghata lill-konvenut kif ukoll l-ispejjes inkorsi. It-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt. il-konvenut jirrikonoxxi li ttermina l-impjieg tieghu qabel tlett snin, madanakollu huwa inveritier liil inghata xi forma ta' tahrig sa minn meta huwa beda l-impjieg tieghu fis-6 ta' Gunju 2022. Illi klawsola bhal dik li fuqha huma ppernjati dawn il-proceduri ghandhom jigi interpretati u applikati b'mod restrittiv, ragjonevoli u proporzjonali u stante li l-konvenut ma iricieva ebda tahrig materjali fuq il-lant tax-xoghol, huwa car li l-klawzola hija attentat ta' *arm twisting* sabiex igieghel lill-konvenut jissokta fl-impjieg tieghu biex jevita l-multa. Din il-klawzola tmur kontra l-ordni pubbliku, u ghalhekk hija nulla u bla effett stante li ma giex approvat mid-Direttur tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali. Tmur kontra l-artikolu 19 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk hija illecita inkluz ai termini tal-Artikolu 990 tal-Kap

16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant it-taba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Illi fl-ewwel seduta il-partijiet qablu li l-proceduri jitkomplew bil-lingwa Ingliza izda s-sentenza setghet tinghata bil-lingwa maltija u ghalhekk l-eccezzjoi dwar it-traduzzjoni giet sollevata.

Illi fis-27 ta' Frar 2023 giet ipprezentata l-affidavit ta' Nigel Scerri direttur tas-socjeta attrici. Jalim Dhanish Gokool kien iffirma kuntratt ta' impjieg mas-socjeta attrici fit-18 ta' Frar 2022 biex jahdem bhala accounts executive mis-6 ta' Gunju 2022. Skond il-kuntratt Il-post tax-xoghol kellu jkun fi kwalunkwe post indikat mill-Employer. Is-socjeta attirici kellha *Training Academy* sabiex taghmel stharrig tal-impjegati biex jziedu l-esperjenza. Jsiru *seminars* regolari mill-full time lecturer fil-5.00pm, fl-ufficjini tas-socjeta konvenuta fl-Msida. Din giet spjegata lil Danish qabel ma iffirma l-kuntratt, fejn gie ukoll spjegat illi f'kaz illi jittermina l-kuntratt qabel tlett snin kien jkollu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €4500. Dhanish ittermina l-impjieg tieghu fit-22 ta' Novembru 2022 skond Dok X,wara li inghata stharrig minn *senior accountant* u kien mistieden jattendi ghal training fit-*Training Academy* taghhom, li huwa b'xejn. Sakemm kien impjegat mas-socjeta attrici kien hemm numru ta' klassijiet ta' tahrig fejn kienu jibghatu e mails lil haddiema fosthom Dhanish, fejn kienu infurmati bis-seminar Dok Y, Dhanish attenda biss l-ewwel seminar. Dok Z. Kif ittermina l-impjieg tieghu gie mitlub jhallas s-somma ta' €4500 izda baqa' ma hallasx. Fil-kontro ezami jghid illi jizgura li it-training jinghata lill impjegati tal-NYG Ltd jew kumpaniji tieghu ohra imma mhux ghal haddiehor. It-training jsir l-ufficjini taghhom fl-Msida wara l-5.00pm u gieli fil-5.30pm jew s-6.00pm. L-istaff kollha huma mistennija li jattendu ghal training ghalkemm fil-kuntratt hemm miktub illi mhux madatorja. Izda f'kaz illi jitilqu skond il-kuntratt jridu jhalsu s-somma miftiehma. Hu ma kienx prezenti waqt l-*interview* imma jaf li l-klawzola giet spjegata lilu ghax il-kuntratt dejjem jinqara u jigi spjegat. Hu kien iltaqa' mal-konvenut ghax hu iffirma l-kuntratt. Dhanish kien gie *seconded* li KSL Ltd li ghandhom l-ufficju San Gwann li skond il-kuntratt ghandu hinijet mit-8.00am sal 5.00pm, b'siegha brejk. Hafna mill-klijenti taghhom jahdmu sal-4.30pm allura kulhadd jkun jista' jattendi ghal korsijiet, jistghu jattendu ukoll *on line*. Jekk kien hemm xi haddiema li kienu javzaw li jispiccaw aktar tard il-kors kien jibda fil-5.30pm jew is-6.00pm. It-*traning* jsir kemm fuq ix-xoghol, kif ukoll wara x-xoghol permess ta'korsijiet. Dhanish kellu managers bhal Steve Said, Peter Borg u Jean Claude Briffa, li kienu jmorru Global Tech spiss bhala *on the job training*, biex jghinuh jsir tajjeb f'xogholu. Fil-fatt wara it-training ta' hames xhur sab xoghol iehor minhabba li kien inghata l-esperjenza.Generalment bit-training f'sitt xhur jilqu l-livell mehtieg. Ghal seminar kienu jattendu io 10 persuni u gieli inqas izda hu kellu xi 200 ruh jahdmu mieghu u kellu *full time lecturer*, Dean Meli. L-ammont ta' €4500 mhux maqsum fuq l-impjegati kollha ghax hemm impjegati li ilhom maghhom ghal 10 snin, hija mahduma fuq it-training li jinghata fl-ewwel tmien xhur/sena tal-impjieg u ghalhekk jistabillixi tlett snin bhala t-terminu tal-klawsola, sabiex jiehdu lura l-investiment li jkunu ghamlu ghat-training tal-impjegat. Qatt ma kien ikkomunika mieghu Dhanish li kellu problema biex jasal fil-hin ghat-training l-Msida, minn San Gwann.

Fid-19 ta' Marzu 2023, giet ipprezentata l-affidavit ta' Jalim Dhanish Gokool, li kien beda l-impjieg tieghu ma' NYG Limited fis-6 ta' Gunju 2022 bhala Accounts Executive u iffirma l-kuntratt ta' impjieg mmarkat Dok A.L-impjieg tieghu gie itterminat fid-29 ta' Novembru 2022 wara l-ittra tieghu datat 22 ta' Novembru 2022 Doc X. Hu kellu

kwalifika ta' ACCA level 2 li kien ekwivalenti ghal Bachelor f'Accounting. Kien qieghed jaghmel kors ghal-livell ekwivalenti ta' masters, apparti li kellu hames snin esperjenza f'din l-indistrija.Jiftakar ukoll li waqt l-*interview* kienet ssemiet li it-*Training Academy* kien jofri korsijiet li kienu b'xejn u b'attendenza volontarja, haga li giet ikkonfermata minn Nigel Scerri. Hu ma kienx oggezzjona li jattendi ghal dawn il-korsijiet ghax haseb li kienu ser jkunu ta' beneficcju ghalih, izda wara li attenda l-ewwel wiehed induna li kienu basic accounts u ma kienux ser jkunu ta' beficcju ghalih jew ghas-socjeta attrici. F'dak iz-zmien kien gie *seconded* ma' klijent tas-socjeta attrici, Global Tech Malta Ltd li kellhom l-ufficju taghhom Sna Gwann u kien jispicca f'xil-5.00pm jew izjed tard u ghalhekk kien kwazi impossibli ghalih li jattendi. Ma jistax jifhem kif kienu qeghdin jippretendu l-hlas ta' €4500 ghal korsijiet li kienu b'xejn u fuq bazi volontarju. Hu ma giex offrut *training* tal-livell tieghu u meta iffirma l-kuntratt fehem illi jekk kellu jhallas lura xi ammont ghal *training* din kienet ghal *training* li inghatat lilu dirett u mhux terzi. Dwar il-fatt li kien offrut *on the job training*, dan ma kienx il-kaz, kull ma urewh kien kif jahdmu l-affarijiet fl-ufficju u x'kienu jistennew minghandu izda hu gja kellu 5 snin esperjenza u ghalhekk kien kompetenti mill-ewwel minghajr il-htiega ta'assistenza. Fil-kontro ezami ikkonferma li kien jaf bil-klawsola tar-rifuzzjoni f'kaz illi jittermina qabel tlett snin izda ma kienx attenda ghal korsijiet. Hu kien informa lil Dean Meli li kienu ta' livell baziku hafna meta kien attenda l-ewwel kors, izda qatt ma informa lid-direttur ta' NYG Ltd, Nigel Scerri. Wara kien gie *seconded* u kien jirraporta lil Peter u ma setax jattendi ghal korsijiet ghax kien jahdem sal-5.00pm. Mistoqsi jekk setax jikkonferma li fil-fatt kien jitlaq qabel il-5.00pm kif kien hemm fid-dokument tal-*punch clock*, hu wiegeb li jista' jkun. Mistoqsi jekk setax jikkonferma li l-korsijiet kienu jsiru fls-6.00pm wiegeb li iva, izda hu kien ircieva l email l-istes gurnata tal-kors u ma kienx jara l-mobile tieghu waqt ix-xoghol. Wara x-xoghol, meta kien jara l-e mail qatt ma ghamel kuntatt ma hadd biex jispjega li ma kienx qieghed jattendi ghax kienu ta' livell baxx, ghax kien qieghed jistenna li jkun hemm xi course tal-livell tieghu. Hu kien jinduna mit-titlu tal-kors jekk kien ta' livell adegwat. Il-lecture li kien attenda kienu infurmawh bih meta kien fl-ufficju tal-Msida u b'hekk kien attenda.

Fis-26 ta' April 2023 xehdet Abigail Brooke li ma kinitx sabet xi records fejn il-klawsola kienet giet approvata. Fit 12 ta' Gunju 2023 giet ipprezentata affidavit ta' Neil Azzopardi, direttur ma' KSL Ltd, li ikkonferma illi Dhanish kien gie s*econded* mas-socjeta KSL Ltd minn NYG Ltd fl-20 ta' Gunju 2022 u l-impjieg gie itterminat fit-22 ta' Novembru 2022. Xogholu kien *day to day management* tal-accounts department u jahdem fuq *backlogs* tal-haddiema precedenti. Kif beda mal-kumpanija Dhanish, dejjem wera li kien hadiem tajjeb u la u u lanqas il-kollegi tieghi qatt ma kellhom lment dwar il-kwalita' ta' xogholu. Kien jidhol ghax xoghol fit-8.00am u jitlaq fil-5.00pm u gieli ukoll dam izjed tard. Ma kienx infurmat li Dhanish kellu jattendi ghal xi korsijiet. Fil-fatt kienu infurmati li kien tajjeb hafna u kienu jhalsu aktar mill prezz normali ghalih.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa fosthom il-kuntratt li gie iffirmat, l-ittra tar-rizenja, e mails tal-courses u *punch outs* tal-konvenut.

**Ikkunsidra;**

Il-kawza hija ghal rifuzjoni ta €4500 skond klawzola fil-kuntratt ta' impjieg wara li l-konvenut ittermina l-impjieg tieghu minn mas-socjeta konvenuta. Skond il-klawzola segwenti:

*In addition, if the Employee terminates this agreement after 1 month, but before the period of 3 years from the date of commencement the Employee shall reimburse the Employer the amount of €4,500 representing the expenses for training that was carried out by the Employer during the period of employment.*

Mill-provi irrizulta li s-socjeta attrici kienet toffri training b'mod regolari ghalkemm l-attendenza ma kinitx mandatorja u ghalhekk kienet ghazla tal-konvenut jekk jattendix jew le. Skond il-konvenut hu ma kienx jattendi ghal dan it-training ghax ma kienx jilhaq jasal fil-hin l-Msida minn San Gwann u l-livell tal-korsijiet ma kienux utli ghalih ghax kienu wisq bazici. Kompla jghid illi ghalkemm kien informa lil *full time lecturer* dwar dan, qatt ma kien qal lid-direttur. Min-naha tieghu d-direttur qal illi t-training kien jinghata kemm *on the job* minn managers, kif ukoll wara x-xoghol, ghax huma kienu jinvestu fl-impjegati li generalment kienu jdumu bejn 8 xhur u sena biex jaqbdu x-xoghol. Gew ezebiti e mails li kienu jintbghatu lil-impjegati fosthom lil konvenut biex jinfurmawhom bil-korsijiet.

Il-konvenut jghid skond l-Artikolu 19 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, il-klawzola ma kinitx valida ghax ma kinitx giet approvata mid-Direttur tal-Impjieg u Relazzjoni Industrijali. It-Tribunal ma jaqbilx u jaghmel referenza ghal-kawza fl-ismijiet **77 Ltd vs Melissa Scerri Seguna**[1], li tghid:

*Il-Qorti taqbel mas-soċjetà appellata. Tgħid li l-allegata eċċezzjoni tal-appellata ma tistax titqies bħala waħda perentorja, għaliex kif sewwa tirrileva s-soċjetà appellata, saħansitra lanqas hija fondata sew fil-liġi meta wieħed iqis li l-artikolu 19 tal-Kap. 452 li fuqu tistrieħ l-appellanta ma japplikax għall-każ odjern, fejn m'hemm l-ebda kwistjoni ta' tnaqqis mis-salarju tagħha.*

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ukoll ghal kawza fl-ismijiet **Mikaela Scerri vs Martha Mizzi**[2] fejn it-talbiet kienu simili ghal-kaz odjern, l-klawzola in ezami taghmel parti mill-kuntratt ta' impjieg li gie iffirmat volontarjament mill-impjegat u ghalhekk l-impjegat kien konxju ta' din il-klawzola meta bghat l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg. Ghaldaqstant ibbazat fuq il-principju tal-*pacta sund servanda,* l-ammont ta' €4,500 huwa dovut.

**Decide**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut jhallas l-ammont ta' erbat elef u hames mitt Ewro (Eur 4500) lis-socjeta attrici, bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-7 ta' Marzu 2022 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[1] Kawza numru 6/2020 LM Appell deciza 4 ta' Mejju 2022

[2] kawza nru: 66/2022 deciza 7 ta' Novembru 2023